KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fis-26 ta' Marzu 2015 [1]

Kawża C-597/13 P

Total SA
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tax-xema' tal-paraffin fiż-Żona Ekonomika Ewropea u suq Ġermaniż tax-xema' ratba — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-swieq — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni — Ksur imwettaq minn kumpannija sussidjarja miżmuma 100 % minn kumpannija parent — Preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarja — Responsabbiltà tal-kumpannija parent li tirriżulta esklużivament mill-aġir li jikkostitwixxi ksur tas-sussidjarja tagħha — Effetti ta' sentenza li tikkonċerna lis-sussidjarja fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-kumpannija parent"

I – **Introduzzjoni**

1. Din il-kawża għandha bħala suġġett appell kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Settembru 2013, Total vs Il-Kummissjoni [2].

2. Din il-kawża tistieden, b'mod partikolari, lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddefinixxi l-effetti ta' sentenza [3] li tikkonċerna lil kumpannija sussidjarja fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-kumpannija parent, meta r-responsabbiltà tal-kumpannija parent tirriżulta esklużivament mill-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-kumpannija sussidjarja tagħha. Fl-opinjoni tiegħi, hija toffri l-okkażjoni sabiex jiġi enfasizzat li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE [4], hija fl-ewwel lok il-Kummissjoni Ewropea li għandha tislet il-konsegwenzi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Minbarra ċerti preċiżjonijiet dwar il-portata ta' dan l-obbligu ta' eżekuzzjoni f'każ ta' rikors ippreżentat minn entità ġuridika kkundannata flimkien u *in solidum* ma' entitajiet oħra għall-ħlas ta' multa, il-Qorti tal-Ġustizzja hija b'hekk mitluba, fl-espansjoni tat-tagħlim tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins [5], sabiex tagħmel xi kjarifiki dwar il-portata u l-limiti tal-intervent tal-qorti meta tkun adita minn rikorsi paralleli ppreżentati minn entitajiet ikkundannati u ssanzjonati *in solidum* minħabba ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-548/08, EU:T:2013:434, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata".

3 — F'dan il-każ, din hija s-sentenza mogħtija fl-istess jum bħas-sentenza appellata fil-Kawża Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423).

4 — Skont din id-dispożizzjoni, "[l-]istituzzjoni […] li l-att t[agħha] [j]kun ġie iddikjarat null […] għand[ha] [t]kun marbut[a] li [t]ieħu l-miżuri neċessarji sabiex [t]ikkonforma ruħ[ha] mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea".

5 — C-286/11 P, EU:C:2013:29.

3. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja hija wkoll mitluba tiddeċiedi dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-motivazzjoni għaċ-ċaħda tal-indizji u tal-argumenti mressqa minn kumpannija parent sabiex tikkonfuta l-preżunzjoni ta' eżerċizzju ta' influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha.

II – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

4. Il-fatti li wasslu għall-kawża kif ukoll il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata ġew miġbura fil-qosor mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 16 tas-sentenza appellata, li l-qarrej huwa mitlub jirreferi għalihom għal iktar dettalji.

5. Għall-finijiet tal-analiżi ta' dan l-appell, ser infakkar biss dan li ġej.

6. Permezz tad-Deċiżjoni C(2008) 5476 finali, tal-1 ta' Ottubru 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.181 – Candle Waxes) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Kummissjoni kkonstatat li l-appellanti u s-sussidjarja tagħha miżmuma kważi 100 % minnha, jiġifieri Total France SA (iktar 'il quddiem "Total France"), kienu, flimkien ma' impriżi oħra, kisru l-Artikolu 81(1) KE u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Vol. 52, p. 3), billi pparteċipaw f'akkordju fis-suq tax-xema' tal-paraffin fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u fis-suq Ġermaniż tax-xema' ratba. L-appellanti, Total SA (iktar 'il quddiem "Total") u s-sussidjarja tagħha, Total France, kienu fost id-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata.

7. Skont il-Kummissjoni, impjegati ta' Total France kienu pparteċipaw direttament fil-ksur matul il-perijodu kollu tiegħu. Il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li Total France kienet responsabbli minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju (premessi 555 u 556 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, Total France, bejn l-1990 u t-tmiem tal-ksur, kienet, direttament jew indirettament, miżmuma f'ammont ta' iktar minn 98 % minn Total. Il-Kummissjoni kkunsidrat li seta' jiġi preżunt fuq din il-bażi li Total kienet teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir ta' Total France, peress li ż-żewġ kumpanniji kienu jifformaw parti mill-istess impriża (premessi 557 sa 559 tad-deċiżjoni kkontestata).

8. L-ammont tal-multi imposti f'dan il-każ ġie kkalkolat abbażi tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003[6], fis-seħħ fil-mument tan-notifika tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

9. Skont l-imsemmija linji gwida, il-Kummissjoni, fir-rigward tal-appellanti u tas-sussidjarja tagħha, waslet għal ammont totali ta' multa ta' EUR 128,163,000 (premessa 785 tad-deċiżjoni kkontestata).

10. Skont id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata:

"Artikolu 1

L-impriżi segwenti kisru l-Artikolu 81(1) [KE] u, mill-1 ta' Jannar 1994, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw, matul il-perijodi indikati, fi ftehim kontinwu u/jew prattika miftiehma fis-settur tax-xema' tal-paraffin fis-suq komuni u, mill-1 ta' Jannar 1994, fiż-ŻEE:

[…]

Total France […]: mit-3 ta' Settembru 1992 sat-28 ta' April 2005; u

6 — ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-"linji gwida tal-2006".

[Total]: mit-3 ta' Settembru 1992 sat-28 ta' April 2005.

Fir-rigward tal-impriżi segwenti, il-ksur jikkonċerna wkoll, għall-perijodi indikati, ix-xema' ratba mibjugħa lil klijenti finali fis-suq Ġermaniż:

[…]

Total France […]: mit-30 ta' Ottubru 1997 sat-12 ta' Mejju 2004; u

[Total]: mit-30 ta' Ottubru 1997 sat-12 ta' Mejju 2004.

Artikolu 2

Il-multi segwenti huma imposti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1:

[…]

Total France […]: flimkien u *in solidum* ma' [Total]: […] EUR 128 163 000.

[…]"

III – **Is-sentenza appellata u s-sentenza mogħtija fil-Kawża Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08)**

11. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Diċembru 2008, l-appellanti ppreżentat rikors b'total ta' disa' motivi. L-ewwel seba' motivi kienu invokati insostenn tat-talbiet tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwardaha u kienu intiżi, essenzjalment, sabiex isostnu li l-aġir li jikkostitwixxi ksur tas-sussidjarja tagħha, Total France, ma setax jiġi imputat lilha. L-aħħar żewġ motivi, min-naħa tagħhom, kienu tqajmu insostenn tat-talbiet imressqa sussidjarjament u intiżi għat-tneħħija jew għat-tnaqqis tal-multa li kienet imposta fuq l-appellanti.

12. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi kollha mressqa u, għalhekk, ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu. Fir-rigward, b'mod partikolari, tat-talba intiża għall-bidla tal-ammont tal-multa, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 224 tas-sentenza appellata, iddikjarat dan li ġej:

"Fir-rigward tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikorrenti ma uriet l-ebda żball jew irregolarità fid-deċiżjoni [kkontestata] li kien jiġġustifika t-tneħħija tal-multa imposta fuqha jew it-tnaqqis tal-ammont tagħha. Hija tikkunsidra wkoll li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari tal-gravità u tul tal-ksur imwettaq mir-rikorrenti, l-ammont tal-multa imposta fuq din tal-aħħar huwa xieraq."

13. Fis-sentenza appellata, mogħtija fl-istess ġurnata fil-Kawża Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423), il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi kollha, bl-eċċezzjoni tat-tmien wieħed, li kien ibbażat fuq l-illegalità tal-metodu tal-kalkolu kif stabbilit fil-punt 24 tal-linji gwida tal-2006. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li fil-kalkolu tal-koeffiċjent multiplikatur li jirrifletti t-tul tal-parteċipazzjoni ta' Total France fil-ksur, il-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament, billi assimilat perijodu ta' parteċipazzjoni ta' 7 xhur u 28 ġurnata (għax-xema' tal-paraffin) u perijodu ta' parteċipazzjoni ta' 6 xhur u 12-il ġurnata (għax-xema' ratba) ma' parteċipazzjoni ta' sena sħiħa. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali naqset l-ammont totali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti minn EUR 128,163,000 għal EUR 125,459,842.

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet**

14. Permezz tal-appell tagħha, Total titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jogħġobha:

— prinċipalment:

  — tannulla s-sentenza appellata;

  — tilqa' t-talbiet tagħha mressqa fl-ewwel istanza quddiem il-Qorti Ġenerali; u

  — konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda lil Total;

— sussidjarjament, tnaqqas, bl-eżerċizzju tas-setgħa ta' riforma tagħha, l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha; u

— fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha, inklużi dawk sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali.

15. Il-Kummissjoni titlob li l-appell jiġi miċħud u li l-appellanti tiġi kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali.

16. Il-partijiet esponew il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom bil-miktub u oralment matul is-seduta tal-15 ta' Jannar 2015.

V – **Analiżi tal-appell**

17. L-appell jistrieħ, prinċipalment, fuq tliet aggravji ta' annullament u, sussidjarjament, fuq tliet aggravji intiżi għall-bidla tal-ammont tal-multa imposta fuq Total.

18. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li diversi mill-aggravji mressqa huma inammissibbli u li, fi kwalunkwe każ, l-ebda wieħed mill-imsemmija aggravji ma huwa fondat.

19. Għandu jiġi kkonstatat li ċerti aggravji jikkoinċidu ħafna u li għalhekk l-eżami ta' wħud minnhom għandu jsir flimkien.

20. Fil-fatt, l-argument żviluppat mill-appellanti fil-kuntest ta' dan l-appell huwa intiż, essenzjalment, sabiex jikkritika lill-Qorti Ġenerali, qabel kollox — u jidhirli prinċipalment —, talli ma naqsitx l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha, minkejja li tali tnaqqis ġie deċiż għas-sussidjarja tagħha u li r-responsabbiltà tagħha hija, f'dan il-każ, purament u esklużivament derivata minn dik tal-imsemmija sussidjarja, li kienet hija biss li pparteċipat direttament fil-ksur (ara, b'mod partikolari, l-ewwel u t-tielet aggravji), u, sussegwentement, li kienet naqset mill-obbligi tagħha fil-qasam ta' stħarriġ tal-eżami tal-provi prodotti sabiex tiġi kkonfutata l-"preżunzjoni ta' eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti" li kienet ġiet indirizzata kontriha.

21. F'dan il-każ, jidhirli opportun li nibda l-analiżi ta' dan l-appell bl-eżami konġunt tal-ewwel u t-tielet aggravji.

A – *Fuq l-ewwel u t-tielet aggravji*

1. L-argumenti tal-partijiet

22. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Total targumenta li, minkejja li r-responsabbiltà tagħha għall-ksur inkwistjoni hija totalment derivata, il-Qorti Ġenerali ma użatx, fil-punt 224 tas-sentenza appellata, is-setgħa ta' riforma tagħha sabiex tikkunsidra, favur tagħha, l-iżball imwettaq meta ġie stabbilit it-tul tal-parteċipazzjoni tas-sussidjarja tagħha fl-imsemmi ksur. Id-differenza bejn il-multa *in solidum* imnaqqsa wara s-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423) u l-multa inizjali, jiġifieri ammont ta' EUR 2,704,158, tikkostitwixxi, fin-nuqqas ta' kwalunkwe bażi legali identifikata, "multa mingħajr titolu" issa imposta biss fuq l-appellanti. Skont Total, il-prinċipju ta' kontradittorju ma ġiex ikkunsidrat, peress li din il-bidla tan-natura tar-responsabbiltà tagħha ġiet imposta bis-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423) mingħajr ma kellha, fl-ebda mument tal-proċedura, il-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet fuq dan il-punt.

23. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, Total issostni li, minbarra l-impożizzjoni fuqha biss ta' multa mingħajr titolu li saret bi ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju, il-Qorti Ġenerali, b'diversi modi, kisret id-dritt tal-Unjoni.

24. Fl-ewwel lok, Total tikkunsidra li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-rigward tal-portata tas-setgħa ta' riforma. Hija ssostni li, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003[7], il-Qorti Ġenerali hija awtorizzata biss "tħassar, tnaqqas jew [iż]żid il-multa" u mhux li tibdel, kif għamlet f'dan il-każ, in-natura *in solidum* u unika tar-responsabbiltà u tal-multa li tirriżulta minnha fir-rigward tal-entitajiet li jifformaw l-istess entità waħda, ħlief biex tikkonstata, fil-kuntest tal-istħarriġ ta' legalità, żball ta' evalwazzjoni fuq dan l-aspett.

25. Fit-tieni lok, l-appellanti tallega li, li kieku kellu jkun ikkunsidrat li l-qorti kienet awtorizzata teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex "tibdel" il-multa li kienet imposta fuqha fin-nuqqas ta' kwalunkwe parteċipazzjoni diretta u speċifika tagħha fil-ksur, il-Qorti Ġenerali wettqet ksur ta' prinċipji differenti imposti fuq il-qorti fil-kuntest tas-setgħa ta' riforma tagħha.

26. Qabel kollox, Total issostni li għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali rrispettatx il-ġurisprudenza dwar ir-responsabbiltà *in solidum* ta' kumpannija parent li tirriżulta mill-aġir li jikkostitwixxi ksur tas-sussidjarja tagħha, b'mod partikolari s-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29).

27. Sussegwentement, l-appellanti tallega li, billi naqset it-tul tal-ksur li ġie kkunsidrat għall-kalkolu tal-multa fir-rigward biss tas-sussidjarja tagħha, il-Qorti Ġenerali ħolqot nuqqas ta' ugwaljanza fit-trattament bejnha u bejn is-sussidjarja tagħha, minn naħa, u bejnha u bejn l-impriżi l-oħra kkundannati talli pparteċipaw fl-istess ksur, min-naħa l-oħra. Skont l-appellanti, il-fatt li l-Qorti Ġenerali użat parametri ta' kalkolu differenti fir-rigward ta' element identiku, mingħajr ma tista' titressaq ġustifikazzjoni oġġettiva, jikkawża preġudizzju għar-rekwiżit ġenerali ta' koerenza, li jirriżulta mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, meħtieġ għall-kalkolu tal-multa.

28. Fl-aħħar nett, l-appellanti targumenta li l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità mqajjem mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423) huwa wkoll validu fil-konfront ta' Total. Billi ma sarx tibdil tal-multa imposta fuq Total, identiku għal dak applikat fuq is-sussidjarja tagħha, il-multa imposta fuq Total hija sproporzjonata mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva.

7 — Regolament tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

29. Il-Kummissjoni tikkunsidra, essenzjalment, li l-ewwel aggravju, li, fl-opinjoni tagħha, huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata li tgħid li l-Qorti Ġenerali, meta ċaħdet ir-rikors tagħha, kienet bidlet jew żiedet ir-responsabbiltà tagħha, għandu jiġi miċħud bħala infondat [8]. Barra minn hekk, dan l-aggravju, inkwantu huwa intiż sabiex jikkontesta s-sentenza mogħtija f'kawża konnessa, li fiha l-appellanti setgħet titlob li tintervjeni, għandu jkun iddikjarat ineffettiv. Barra minn hekk, hija targumenta li l-allegazzjoni li tgħid li l-prinċipju ta' kontradittorju ma ġiex ikkunsidrat minħabba l-fatt li hija ma kinitx mitluba mill-Qorti Ġenerali sabiex tesprimi ruħha dwar it-tnaqqis mitlub tal-ammont tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha hija kontradetta bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29). Finalment, hija ssostni li l-possibbli ksur mill-Qorti Ġenerali tad-dritt proċedurali, bħall-prinċipju ta' kontradittorju, ma għandux iwassal għall-annullament ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali ħlief jekk ikun intwera li dan il-ksur kellu effett fuq is-soluzzjoni tat-tilwima.

30. Fir-rigward tat-tielet aggravju, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-aggravji kollha mressqa, li huma bbażati b'mod partikolari fuq qari żbaljat tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29), li bl-ebda mod ma tistabbilixxi obbligu fuq il-Qorti Ġenerali sabiex taġixxi fis-sens mixtieq mill-appellanti, għandhom jiġu miċħuda.

2. Evalwazzjoni

31. Jidhirli li huwa diffiċli jitqajjem dubju li multa waħda imposta mill-Kummissjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, meta din tkun tħallset kollha kemm hi minn waħda mill-kumpanniji kkundannata *in solidum*, ma tistax tintalab iktar mingħand waħda jew iktar mill-entitajiet l-oħra kkonċernati. Is-solidarjetà passiva timplika fil-fatt li l-eżekuzzjoni minn wieħed mill-ko-debituri tal-obbligu inkwistjoni ġġib magħha, bħala regola, l-estinzjoni ta' kull obbligu legali ta' ħlas minn naħa tal-ko-debituri l-oħra kollha.

32. Bl-istess mod, meta tnaqqis ta' multa jsir wara rikors ippreżentat quddiem il-qorti tal-Unjoni Ewropea, jidhirli li huwa evidenti biżżejjed li ma hemmx bażi legali sabiex jintalab ammont ogħla mill-ammont stabbilit mill-qorti msemmija mingħand wieħed mill-ko-debituri *in solidum*.

33. Fil-fatt, din il-konklużjoni jidhirli li hija imposta fuq il-Kummissjoni bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, li jobbliga lill-istituzzjoni awtur tal-att li tislet il-konsegwenzi kollha ta' annullament parzjali jew totali tiegħu.

34. Barra minn hekk, għalkemm l-impriżi li ġew ikkundannati flimkien u *in solidum* għall-ħlas ta' multa minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni huma mingħajr dubju obbligati għall-ħlas kollu tagħha, huma ma jistgħux jinżammu responsabbli li jħallsu somma li teċċedi dak li, wara rikors u tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta b'deċiżjoni tal-Kummissjoni, ġie stabbilit b'mod definittiv. Sabiex nerġgħu lura għall-każ inkwistjoni, fil-każ fejn ir-responsabbiltà ta' kumpannija parent tkun purament derivata minn dik tas-sussidjarja tagħha, sempliċement għaliex tkun interpretat b'mod żbaljat il-projbizzjoni tal-akkordji msemmija fl-Artikolu 101(1) TFUE, u fejn, barra minn hekk, dawn iż-żewġ kumpanniji ġew ikkundannati *in solidum* għall-ħlas ta' multa, il-Kummissjoni ma hijiex f'pożizzjoni li titlob mingħand il-kumpannija parent ammont ta' multa li jeċċedi dak li s-sussidjarja għandha tħallas b'mod definittiv.

35. Madankollu din il-konklużjoni ma hijiex applikata b'mod ċar fil-prassi tal-Kummissjoni.

8 — Għandu jiġi nnotat li, fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni kienet qed tirreferi wkoll għall-inammissibbiltà tal-aggravju, iżda li finalment reġgħet semmiet dan il-punt fil-kontroreplika tagħha.

36. Ir-riluttanza tal-Kummissjoni li tislet il-konsegwenzi kollha tas-sentenzi li jirrigwardaw tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuq entitajiet relatati, kif jidher mill-introduzzjoni tal-appell fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29), tidher, kif turi din il-kawża, li għadha tippersisti. Il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament qed tintalab, mill-ġdid, tistabbilixxi sa fejn u b'liema kundizzjonijiet kumpannija parent li ġiet iddikjarata responsabbli għal ksur imwettaq esklużivament mis-sussidjarja tagħha tista' tibbenefika minn deċiżjoni favorevoli tar-rikors ippreżentat mill-imsemmija sussidjarja, b'mod partikolari mit-tnaqqis tal-ammont tal-multa deċiża mill-Qorti Ġenerali. Fuq kollox, hija mitluba tistabbilixxi jekk, iktar milli possibbiltà offruta lill-qorti tal-Unjoni, din tal-aħħar għandhiex obbligu fuqha f'dan is-sens.

37. Il-persistenza ta' din ir-riluttanza probabbilment ġejja mill-approċċi differenti użati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

38. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29), korrettament ikkonfermat l-idea li kien hemm sitwazzjonijiet fejn ir-responsabbiltà ta' kumpannija parent setgħet titqies li hija kompletament derivata minn dik tas-sussidjarja tagħha [9]. Jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn hekk, impliċitament ikkonfermat ir-regola, użata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 38 tas-sentenza Tomkins vs Il-Kummissjoni [10], li tgħid li, meta kumpannija parent tkun inżammet responsabbli għal ksur esklużivament minħabba l-parteċipazzjoni tas-sussidjarja tagħha f'akkordju, ir-responsabbiltà tagħha ma tistax teċċedi dik tal-imsemmija sussidjarja [11].

39. Fil-kawża li wasslet għas-sentenza Areva *et* vs Il-Kummissjoni [12], il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-istess sens, iddeċidiet li, meta r-responsabbiltà tal-kumpanniji parent għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE kienet għal kollox idderivata minn dik ta' sussidjarja li kienet suċċessivament appartjeniet lilhom, is-somma totali tal-ammonti li għalihom il-kumpanniji parent huma kkundannati ma tistax teċċedi l-ammont li għalih hija kkundannata din is-sussidjarja.

40. Din il-konklużjoni tidher, għall-kuntrarju, li ġiet injorata f'kawżi oħra, b'mod partikolari f'dawk li jirrigwardaw il-kartell msejjaħ "tal-boroż industrijali". B'hekk, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Kendrion vs Il-Kummissjoni [13], il-Qorti tal-Ġustizzja kienet speċifikament mistiedna tiddeċiedi dwar l-argument, imressaq quddiem il-Qorti Ġenerali u miċħud minn din tal-aħħar, li jgħid li l-kunċett ta' responsabbiltà *in solidum*, li huwa ġġustifikat bil-ħtieġa li jiġi żgurat l-irkupru effettiv tal-multa, jimplika, għalhekk, li l-kumpannija parent ma tistax tinżamm responsabbli ħlief għall-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha [14] (ara l-punt 53 tas-sentenza).

41. Dan l-argument ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala infondat (ara l-punt 58 tas-sentenza), peress li kien osservat li d-diskussjoni tidher li kienet iffokata fuq l-applikabbiltà f'dan il-każ tal-limitu ta' 10 % applikabbli fir-rigward ta' multi skont ir-Regolament Nru 1/2003 fil-każ fejn żewġ persuni ġuridiċi distinti, bħalma huma kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha, ma jkunux għadhom jikkostitwixxu impriża waħda fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE (ara l-punt 57 tas-sentenza).

9 — Punt 43 ta' din is-sentenza.

10 — Sentenza Tomkins vs Il-Kummissjoni (T-382/06, EU:T:2011:112, punt 38).

11 — Din il-konklużjoni tirriżulta, fl-opinjoni tiegħi, mill-punt 37 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29), li jipprovdi li "l-kunsiderazzjonijiet [imressqa mill-Kummissjoni] ma humiex suffiċjenti sabiex ipoġġu fid-dubju l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punt 38 tas-sentenza appellata".

12 — C-247/11 P u C-253/11 P, EU:C:2014:257, punti 137 u 138.

13 — C-50/12 P, EU:C:2013:771, punt 58.

14 — F'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet, fid-deċiżjoni kkontestata, imponiet multa ta' EUR 34 miljun fuq ir-rikorrenti u multa ta' EUR 2.2 miljun fuq is-sussidjarja tagħha, Fardem Packaging BV.

42. Fl-istess sens, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha FLS Plast vs Il-Kummissjoni [15], ċaħdet l-argument żviluppat mill-appellanti li jgħid li l-Kummissjoni ma setgħetx tiġbor mingħand il-kumpanniji parent suċċessivi ammont ogħla mill-ammont impost fuq is-sussidjarja [16]. B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, "f'dak li jikkonċerna l-ħlas ta' multa imposta għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, ir-relazzjoni *in solidum* li teżisti bejn żewġ kumpanniji li jikkostitwixxu entità ekonomika ma tistax tiġi ristretta għal forma ta' garanzija pprovduta mill-kumpannija parent sabiex tiggarantixxi l-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha, u li argument li jgħid li din il-kumpannija parent ma setgħetx tiġi kkundannata għall-ħlas ta' multa ta' ammont ogħla minn dak tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha għaldaqstant huwa infondat" [17].

43. Għalhekk jidher li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija kkaratterizzata minn ċerta inkoerenza fir-rigward ta' jekk kumpannija parent, li nżammet responsabbli għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE minħabba atti mwettqa esklużivament mis-sussidjarja tagħha u li, b'dan il-mod, ġiet ikkundannata *in solidum* mal-imsemmija sussidjarja għall-ħlas ta' multa, tistax tkun obbligata tħallas multa ta' ammont ogħla minn dak mitlub mis-sussidjarja tagħha.

44. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet introduttorji, din il-kawża toffri l-okkażjoni biex jitfakkru numru ta' punti dwar l-effetti ta' sentenza li tikkonċerna lil sussidjarja fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-kumpannija parent peress li huwa stabbilit li r-responsabbiltà ta' din il-kumpannija tirriżulta *esklużivament* mill-aġir li jikkostitwixxi ksur tas-sussidjarja tagħha.

45. Barra minn hekk, qabel nibda l-eżami proprju tal-argumenti speċifikament żviluppati mill-appellanti, għandhom jitfakkru ċerti punti essenzjali fir-rigward tar-rwol tal-qorti, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltajiet offruti lilha meta tkun adita minn rikorsi paralleli introdotti rispettivament minn entitajiet li ġew ikkundannati *in solidum* għall-ħlas ta' multa waħda.

46. Bħala sfond għal dan l-analiżi, għandha tingħata wkoll deċiżjoni fuq in-natura u l-portata tar-responsabbiltà ta' kumpannija parent meta jkun stabbilit, bħal f'din il-kawża, li kienet biss is-sussidjarja tagħha li pparteċipat direttament fil-ksur [18].

a) Osservazzjonijiet preliminari

i) Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur u n-natura tar-responsabbiltà ta' kumpannija parent li ma pparteċipatx direttament fi ksur

47. Issa huwa ferm stabbilit li l-prežunzjoni ta' responsabbiltà fuq il-kumpanniji parent hija bbażata l-ewwel nett fuq il-fatt li d-dritt tal-kompetizzjoni jirreferi għall-kunċett ta' *impriża*, kunċett li jinkludi fih kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku tagħha jew mill-mod ta' finanzjament tagħha [19]. Il-kunċett ta' impriża għandu jinftiehem bħala li jkopri unità ekonomika, anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-unità hija komposta minn diversi persuni ġuridiċi. Minn dan jirriżulta li, f'ċerti sitwazzjonijiet, persuna ġuridika li ma tkunx l-awtur ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tista' madankollu tiġi ssanzjonata għall-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' persuna ġuridika oħra, peress li dawn il-persuni jkunu jifformaw it-tnejn li huma parti mill-istess entità ekonomika u għalhekk jifformaw l-impriża li kisret l-Artikolu 101 TFUE [20].

15 — C-243/12 P, EU:C:2014:2006.

16 — Ara l-argument żviluppat minn FLS Plast A/S quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 93 sa 96 tas-sentenza.

17 — Sentenza FLS Plast vs Il-Kummissjoni (C-243/12 P, EU:C:2014:2006, punt 107).

18 — Il-każ ikkunsidrat hawnhekk irid ikun distint minn dak fejn il-kumpannija parent ġiet imposta multa minħabba l-aġir tagħha stess u li l-ammont tagħha jista', konsegwentement, ikun distint minn dak tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha.

19 — Ara s-sentenza Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Siemens Österreich *et* (C-231/11 P sa C-233/11 P, EU:C:2014:256, punti 43 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48. B'hekk, l-aġir ta' sussidjarja jista' jiġi imputat lill-kumpannija parent b'mod partikolari meta, għalkemm ikollha personalità ġuridika separata, din is-sussidjarja ma tiddeterminax awtonomament l-aġir tagħha fis-suq, iżda essenzjalment tapplika l-istruzzjonijiet li tingħata mill-kumpannija parent, b'mod partikolari, fid-dawl tar-relazzjonijiet ekonomiċi, organizzattivi u ġuridiċi li jgħaqqdu lil dawn iż-żewġ entitajiet ġuridiċi. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, huwa kkunsidrat li l-kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha jifformaw parti mill-istess unità ekonomika u, għaldaqstant, jifformaw impriża waħda, liema ħaġa tippermetti li l-Kummissjoni tindirizza deċiżjoni li timponi multi fuq il-kumpannija parent, mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi stabbilit l-involviment personali ta' din tal-aħħar fil-ksur [21].

49. Fi kliem ieħor, li kieku l-parteċipazzjoni konkreta fil-ksur ma tkunx ġiet stabbilita ħlief fir-rigward tas-sussidjarja, huwa wkoll possibbli li tiġi kkontestata r-responsabbiltà tal-kumpannija parent, kumpannija li fil-konfront tagħha seta' jiġi korrettament preżunt li kienet teżerċita influwenza determinanti fuq is-sussidjarja tagħha.

50. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja, diversi drabi, indikat li l-kumpannija parent iġġorr, f'tali sitwazzjoni, responsabbiltà msejħa "personali" [22] , fl-opinjoni tiegħi, kien, sabiex tenfasizza l-fatt li kienet hi li kellha tirrispondi għall-aġir antikompetittiv imwettaq mis-sussidjarja tagħha, indipendentement mill-involviment konkret tagħha fih u minħabba relazzjonijiet ta' kapital u organizzattivi li hija għandha mas-sussidjarja tagħha, kif ukoll sabiex tenfasizza l-uniċità tal-entità ekonomika li huma jirrappreżentaw.

51. Minkejja li hija personali, il-kontestazzjoni tar-responsabbiltà ta' kumpannija esklużivament minħabba relazzjonijiet ta' kapital vertikali li hija għandha ma' sussidjarja xorta tibqa' *derivata* minn dik tas-sussidjarja msemmija [23].

52. Fl-opinjoni tiegħi, minn dan jirriżulta li kull żball li jivvizzja l-konstatazzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni konkreta tas-sussidjarja fil-ksur — u, konsegwentement, fil-kalkolu tal-multa possibbilment imposta minħabba f'hekk — għandha tibbenefika minnu wkoll il-kumpannija parent.

53. Dan japplika b'mod speċjali meta, skont il-prassi l-iktar użata, il-Kummissjoni f'tali sitwazzjoni tkun *ikkundannat in solidum* lil żewġ entitajiet involuti. L-użu ta' kundanna *in solidum* timplika li l-entitajiet debitriċi huma kkundannati għal ħlas tal-istess multa waħda u l-estinzjoni totali jew parzjali tal-obbligu ta' ħlas fir-rigward ta' waħda mill-entitajiet loġikament għandha konsegwenzi fuq l-obbligu tal-ħlas tal-oħra.

54. Għalhekk għandu jiġi speċifikat li, meta jkun hemm kundanna *in solidum*, it-tnaqqis tal-ammont tal-multa diffiċilment ikun indirizzat biss lejn waħda mill-entitajiet ikkonċernati. Il-kunċett ta' responsabbiltà *in solidum* għandu l-konsegwenza li l-persuna li fuqha l-Kummissjoni imponiet ir-responsabbiltà tal-ksur ma tistax tintalab tħallas, *minħabba l-kunċett tar-responsabbiltà in solidum — bħala konsegwenza tal-imputabbiltà tar-responsabbiltà* —, somma li l-ammont tagħha jeċċedi dak tal-kalkolu tal-multa imposta fuq l-awtur materjali dirett tal-ksur [24]. Kien f'dan is-sens li l-Qorti Ġenerali kienet speċifikat, fis-sentenza Tomkins vs Il-Kummissjoni (T-382/06, EU:T:2011:112, punt 38), li r-responsabbiltà ta' kumpannija parent, fin-nuqqas ta' parteċipazzjoni diretta fil-ksur minn din il-kumpannija, ma tistax teċċedi dik tas-sussidjarja tagħha, soluzzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tidher li kienet ikkonfermat.

21 — Ara s-sentenza Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-243/12 P, EU:C:2009:536, punti 58 u 59 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

22 — Għal użu reċenti ta' din l-espressjoni, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Parker Hannifin Manufacturing u Parker-Hannifin (C-434/13 P, EU:C:2014:2456, punti 39 u 51 u l-ġurisprudenza ċċitata); Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:522, punt 101), kif ukoll Il-Kummissjoni *et* vs Siemens Österreich *et* (C-231/11 P sa C-233/11 P, EU:C:2014:256, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Siemens Österreich *et* (C-231/11 P sa C-233/11 P, EU:C:2014:256, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 — Bernardeau, L., u Christienne J.-P., *Les amendes en droit de la concurrence – Pratique décisionnelle et contrôle juridictionnel du droit de l'Union*, koll. "Europe(s)", Brussell, Larcier, 1 ed., 2013, ara, b'mod partikolari, il-punt II.1231.

55. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, inqis li, f'sitwazzjoni fejn il-kumpannija parent tingħata r-responsabbiltà ta' ksur esklużivament minħabba atti mwettqa mis-sussidjarja tagħha, il-fatt li l-imsemmija kumpannija parent, ikkundannata *in solidum* mas-sussidjarja tagħha, tintalab tħallas ammont ta' multa ogħla minn dak mitlub mis-sussidjarja tagħha, ma għandu l-ebda bażi legali.

56. Xorta jibqa' l-fatt li skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE hija l-Kummissjoni li għandha r-responsabbiltà li tislet il-konsegwenzi ta' sentenza li tnaqqas il-multa imposta fuq sussidjarja f'tali sitwazzjoni. L-eżekuzzjoni sħiħa u korretta tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja timponi, fl-opinjoni tiegħi, li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ it-tnaqqis magħmul favur is-sussidjarja u li hija, f'dan l-istadju, ma għandha l-ebda marġni ta' diskrezzjoni.

57. Kif ser nesponi iktar 'il quddiem, l-intervent tal-qorti abbażi tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex iġġib l-imsemmija ammonti konformi, li hija biss kwistjoni ta' għażla u hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' opportunità, hija biss possibbiltà miftuħa taħt ċerti kundizzjonijiet. Kuntrarjament għal dak li targumenta l-appellanti, ma tistax tassumi r-rwol ta' obbligu.

ii) Rwol tal-qorti adita b'rikorsi paralleli: it-tagħlim tal-ġurisprudenza derivata mis-sentenza Il-Kummissjoni vs AssiDomän Kraft Products *et*[25] għal dak derivat mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P)

58. Huwa ferm magħruf li l-qorti tal-Unjoni, adita minn rikors għal annullament, ma tistax tiddeċiedi *ultra petita*[26]. Fil-fatt, il-prinċipju li l-qorti għandha tiddeċiedi biss fuq it-talbiet imressqa lilha jirrikjedi li l-qorti ma tistax tiddeċiedi ħlief fuq dak li speċifikament intalab lilha mill-partijiet, bl-eċċezzjoni, naturalment, tal-motivi u tal-mistoqsijiet li hija tista', jekk ikun il-każ, tqajjem *ex officio*.

59. Huwa skont dan il-prinċipju ewlieni tal-proċedura li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs AssiDomän Kraft Products *et*, speċifikat li jekk wieħed mid-destinatarji ta' att adottat mill-Kummissjoni jiddeċiedi li jippreżenta rikors għal annullament, il-qorti tal-Unjoni hija adita biss mill-elementi tad-deċiżjoni li jirrigwardawh. Min-naħa l-oħra, dawk li jirrigwardaw lil destinatarji oħra, li ma ġewx appellati, ma humiex inklużi fis-suġġett tal-kawża li l-qorti ntalbet tiddeċiedi[27]. Fl-istess sens, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Arcelor Mittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et*[28], tenfasizza li, jekk destinatarju ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jiddeċiedi li jippreżenta rikors għal annullament, il-qorti tal-Unjoni hija kompetenti biss fuq l-elementi tad-deċiżjoni li jikkonċernawh. Min-naħa l-oħra, dawk l-elementi li jikkonċernaw lil destinatarji oħra, li ma ġewx appellati, ma jaqgħux fis-suġġett li għandu jiġi deċiż mill-qorti tal-Unjoni.

60. Madankollu, dawn il-kawżi kienu jirrigwardaw sitwazzjonijiet partikolari, kif murija fil-punti 47 u 48 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29), fejn l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward ta' kumpannija partikolari ma seta' jipproduċi l-ebda effett fir-rigward tal-kumpanniji l-oħra, li wara kollox huma destinatarji ta' deċiżjoni kkunsidrata bħala distinta. Fil-fatt, għandu jiġi ammess mingħajr diffikultà żejda li d-destinatarji inkwistjoni kienu entitajiet indipendenti milquta minn deċiżjonijiet differenti jew, mill-inqas, minn numru ta' deċiżjonijiet individwali distinti ħafna[29].

25 — C-310/97 P, EU:C:1999:407.

26 — Sentenza Il-Kummissjoni vs AssiDomän Kraft Products *et*, (C-310/97 P, EU:C:1999:407, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 — *Ibidem* (punt 53).

28 — C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190, punt 141.

29 — Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs AssiDomän Kraft Products *et* (C-310/97 P, EU:C:1999:407, punt 56), il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat fil-fatt li l-Artikolu 176 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 266 TFUE) ma kienx jimplika li hija kellha, fuq talba tal-persuni kkonċernati, terġa' teżamina deċiżjonijiet identiċi jew simili allegatament affettwati mill-istess irregolarità, indirizzati lejn destinatarji differenti mir-rikorrent.

61. Is-sitwazzjoni li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29) kienet totalment differenti.

62. F'din is-sentenza, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament ikkunsidrat li, meta kumpannija parent ma tkunx involuta fi ksur, b'tali mod li r-*responsabbiltà tagħha kienet purament derivata* minn dik tas-sussidjarja tagħha (l-ewwel kundizzjoni) u li meta *jkun identiku s-suġġett* tar-rikorsi paralleli ppreżentati mill-kumpannija parent u mis-sussidjarja tagħha (it-tieni kundizzjoni), il-Qorti Ġenerali setgħet b'mod validu tagħti lill-kumpannija parent il-benefiċċju tat-tnaqqis tat-tul tal-ksur deċiż fil-kuntest tal-proċedura mibdija mis-sussidjarja u, korrelattivament, tnaqqas ukoll l-ammont tal-multa imposta fir-rigward tal-kumpannija parent.

63. F'dan il-każ, tqum il-kwistjoni dwar jekk, iktar minn possibbiltà li hija kellha, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kinitx obbligata, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li tnaqqas, bl-istess mod kif ġie deċiż fil-konfront tas-sussidjarja tagħha, l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti. Fil-fatt għandu jiġi enfasizzat li, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29), il-kwistjoni kienet biss dwar jekk il-Qorti Ġenerali *setgħetx* jew le ġġib l-imsemmija ammonti konformi u mhux jekk *kellhiex* tagħmel dan.

64. Xi argumenti jistgħu, sa ċertu sens, jimmilitaw favur obbligu għall-Qorti Ġenerali li tadotta l-istess approċċ li użat fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29).

65. Fl-ewwel lok, tali pożizzjoni tinsab f'sintonija mal-approċċ unitarju tal-kunċett ta' impriża, irrakkommandat mill-Kummissjoni u vvalidat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-każ fejn il-kumpannija parent hija kkundannata sempliċement minħabba atti mwettqa mis-sussidjarja tagħha, in-nuqqas ta' applikazzjoni tat-tnaqqis tal-multa deċiż fil-konfront tas-sussidjarja finalment iwassal sabiex jaqsam b'mod artifiċjali lil dawn iż-żewġ entitajiet li madankollu jifformaw parti mill-istess impriża. F'tali kuntest, għandu jkun hemm ċerta koerenza bejn il-multa imposta fuq il-kumpannija parent u dik imposta fuq is-sussidjara tagħha. Jista' jidher kemxejn kontradittorju li, minn naħa, jiġi difiż l-approċċ unitarju tal-kunċett ta' impriża fl-imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur u, min-naħa l-oħra, li jiġi difiż approċċ separatist meta jinsiltu l-konsegwenzi kollha ta' dan l-approċċ unitarju.

66. Fit-tieni lok, l-obbligu tal-Qorti Ġenerali li tagħti lill-kumpannija parent il-benefiċċju tat-tnaqqis tal-multa possibbilment deċiża fir-rigward tas-sussidjarja tagħha jersaq lejn l-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tas-sussidjarja. Dan il-punt jidher li huwa iktar kruċjali għaliex il-Kummissjoni ma tidhirx li hija dejjem disposta [30] sabiex tislet il-konsegwenzi tat-tnaqqis deċiż fil-konfront tas-sussidjarja. Iktar 'il quddiem ser nerġa' nirreferi għal dan l-aħħar punt li jidhirli li huwa parametru ewlieni tar-risposta li, f'dan il-każ, għandha tingħata għall-mistoqsijiet imqajma mill-ewwel u mit-tielet aggravji.

67. Fit-tielet lok, ma għandux jintesa li l-Qorti Ġenerali teżerċita ġurisdizzjoni sħiħa fuq l-ammont tal-multi, li fil-kuntest tagħha l-prinċipju *ne ultra petita* għandu rwol ħafna iktar limitat, anzi marġinali, milli fil-qasam tal-istħarriġ ta' legalità [31].

30 — Dan huwa l-każ fil-kawża preżenti. L-approċċ difiż f'dan il-każ mill-Kummissjoni huwa madankollu kontradett minn dak użat f'kawżi oħra fejn il-Kummissjoni tidher, għall-kuntrarju, li ssostni, fil-każ ta' tnaqqis ta' multa imposta fuq kumpannija, minkejja n-nuqqas ta' talba f'dan is-sens fir-rikors ta' din tal-aħħar, li l-Qorti Ġenerali kienet daħlet fuq ir-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq il-Kummissjoni skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Alliance One International vs Il-Kummissjoni, C-679/11 P, EU:C:2013:606, punti 93 u 107).

31 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2012:499, punt 37), u tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (C-3/06 P, EU:C:2006:720, punt 49).

68. Fl-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni, il-Qorti Ġenerali għandha, sabiex tistabbilixxi n-natura xierqa tal-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta, tikkunsidra l-punti kollha ġuridiċi u fattwali rilevanti fid-data meta hija tiddeċiedi.

69. Fost dawn il-punti, ma għandux jiġi eskluż li hemm ukoll il-possibbiltà tat-teħid inkunsiderazzjoni tan-natura purament derivata tar-responsabbiltà ta' kumpannija parent f'każ partikolari u l-konsegwenzi neċessarji li dan jimplika fil-każ ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq is-sussidjarja. F'dan il-kuntest, barra minn hekk, jista' jiġi argumentat li l-fatt li jinsiltu l-konsegwenzi ta' tali tnaqqis fuq dik tal-kumpannija parent (li r-responsabbiltà tagħha hija purament derivata minn dik tas-sussidjarja tagħha), marbuta mar-rekwiżit ta' suġġett identiku tar-rikorsi paralleli ppreżentati mill-kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha, huwa kkaratterizzat minn ċerta awtomatiċità u ma għandux jippreżenta diffikultajiet li ma jistgħux jiġu ssuperati mill-Qorti Ġenerali.

70. Madankollu, minkejja li titħajjar timponi obbligu f'dan is-sens fuq il-Qorti Ġenerali, hija tkun tista' biss tirrimedja parzjalment għall-inkonvenjenzi maħluqa mill-kundizzjonijiet u mir-riskji li inevitabbilment jakkumpanjaw l-intervent tal-qorti. Fil-fatt, jiena tal-opinjoni li l-intervent tal-qorti fis-sens irrakkomandat mill-appellanti ma jistax ikun l-unika jew il-garanzija prinċipali tal-effettività tal-approċċ unitarju ta' impriża u tal-konsegwenzi inevitabbli fuq l-ammont tal-multa imposta fuq kumpannija parent meta r-responsabbiltà tagħha tkun purament derivata minn dik tas-sussidjarja tagħha.

71. L-ewwel nett, u bir-riskju li jkollu jitfakkar dak li jidher evidenti, l-intervent tal-qorti jista' jkun biss aċċidentali, fis-sens li hija dejjem tiddependi mill-introduzzjoni minn qabel ta' rikors jew ta' diversi rikorsi paralleli. Għalhekk ma jistax jiġi eskluż li, f'każ bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, il-kumpannija parent ma jidhrilhiex opportun jew ma hijiex f'pożizzjoni li tressaq rikors kontra d-deċiżjoni li timponi fuqha multa *in solidum* mas-sussidjarja tagħha għal ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni. F'tali sitwazzjoni, u minkejja l-fatt li l-kumpannija parent ma kinitx involuta fid-deċiżjoni kkontestata ħlief minħabba l-atti mwettqa mis-sussidjarja tagħha, hija neċessarjament tiġi mċaħħda minn kull possibbiltà li tibbenefika mit-tnaqqis tal-multa possibbilment deċiż mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-imsemmija sussidjarja.

72. Fit-tieni lok, anki jekk jitqies li ġew ippreżentati, kif ġara f'din il-kawża, rikorsi paralleli mill-kumpannija parent u mis-sussidjarja rispettivament, xorta jkun għad hemm bżonn li l-imsemmija rikorsi jkollhom l-istess suġġett, mill-inqas meta jkun hemm l-eżerċizzju tal-istħarriġ ta' legalità.

73. Fit-tielet lok — u dan il-punt jidhirli li jirrivela l-limiti kollha ta' possibbiltà ta' obbligu ta' intervent tal-qorti — anki fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni sħiħa, sabiex il-Qorti Ġenerali tkun tista' tieħu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-bidla tal-multa imposta fuq il-kumpannija parent, tal-konstatazzjonijiet tagħha stess magħmula fir-rigward tas-sussidjarja tagħha, xorta jkun għad hemm bżonn li l-Qorti Ġenerali tkun effettivament iddeċidiet (jew tiddeċiedi fl-istess ħin) fuq ir-rikors ippreżentat mis-sussidjarja fil-mument fejn tiddeċiedi fuq ir-rikors ippreżentat mill-kumpannija parent. Ma jistax jiġi eskluż li, minħabba għażliet proċedurali u ta' limitazzjonijiet materjali relatati speċifikament ma' kull kawża, il-qorti tal-Unjoni tkun diġà ddeċidiet fuq ir-rikors ippreżentat mill-kumpannija parent fil-mument li fih hija tiġi sabiex tiddeċiedi fuq dak ippreżentat mis-sussidjarja.

74. Konsegwentement, jien konvint ferm li l-koerenza tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-kumpannija parent u tas-sussidjarja tagħha rispettivament f'sitwazzjoni kif indikata f'dan il-każ għandha, fl-ewwel lok, taqa' fuq il-Kummissjoni li skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, għandha l-obbligu li tieħu l-miżuri li tinvolvi l-eżekuzzjoni tas-sentenzi. Lil hinn minn kull kunsiderazzjoni oħra, hija din l-istituzzjoni li għandha tislet il-konsegwenzi possibbli fir-rigward ta' kumpannija parent ta' sentenza li tirrigwarda lis-sussidjarja tagħha.

75. Il-ħtieġa li l-Kummissjoni tislet il-konsegwenzi kollha, fir-rigward ta' kumpannija parent, tal-konstatazzjonijiet li saru u tad-deċiżjoni finalment mogħtija fil-kuntest tar-rikors ippreżentat minn sussidjarja kontra deċiżjoni li timponi multa *in solidum* fuq żewġ kumpanniji għandha titfakkar bil-qawwa. Din ma għandhiex tiddependi fuq kunsiderazzjonijiet ta' opportunità. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari, fil-każijiet kollha fejn is-sussidjarja tikseb l-annullament, totali jew parzjali, tal-multa, tagħti l-benefiċċju ta' dan lill-kumpannija parent ukoll. Fil-fatt infakkar li, f'każ bħal dan, jiġifieri fil-każ fejn ir-responsabbiltà tal-kumpannija parent hija purament derivata mill-atti mwettqa mis-sussidjarja tagħha, il-fatt li tinżamm multa ogħla għall-kumpannija parent minn dik li finalment tintalab mis-sussidjarja jfisser li tkun qed tkun qed tiġi imposta parti minn multa li ma għandha l-ebda bażi legali.

76. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha li ser neżamina b'mod iktar speċifiku l-ewwel u t-tielet aggravji mqajma fil-kuntest ta' dan l-appell.

b) Fuq l-ewwel aggravju

77. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju, jiena tal-opinjoni li, minkejja li jista' jsir xebh inevitabbli mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins, (C-286/11 P, EU:C:2013:29), ir-risposta li għandha tingħata, fi kwalunkwe każ, għandha tkun differenti.

78. Fil-fatt, f'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali kienet ikkritikata li ma tatx l-opportunità lill-Kummissjoni li tieħu pożizzjoni fuq l-intenzjoni tagħha li tnaqqas il-multa imposta fuq Tomkins plc billi bbażat ruħha fuq motivi li kienu tqajmu biss mis-sussidjarja tagħha fil-kawża parallela li wasslet għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali Pegler vs Il-Kummissjoni [32]. Il-motiv kien ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ddeċidiet li l-kritika tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' osservanza kemm tal-prinċipju ta' kontradittorju kif ukoll tad-dritt għal smigħ xieraq kienu bbażati fuq il-konvinzjoni soda ta' din l-istituzzjoni, li tgħid li teżisti impossibbiltà assoluta li l-kumpannija parent, jiġifieri Tomkins plc, tibbenefika minn tnaqqis tal-perijodu ta' ksur stabbilit għas-sussidjarja tagħha Pegler Ltd, peress li l-kawżi li tressqu ma kinux totalment identiċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li "din il-possibbiltà teżisti f'ċerti ċirkustanzi" (C-286/11 P, EU:C:2013:29, punt 61).

79. F'dan il-każ, għall-kuntrarju, ma tistax ma tkunx sensittiv għall-argument li jgħid li t-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq is-sussidjarja, mhux akkumpanjat minn tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq il-kumpannija parent, biddel in-natura [33] tar-responsabbiltà tal-kumpannija parent. Jew ir-responsabbiltà tal-kumpannija parent f'dan il-każ ma tistax, fil-fatt, tibqa' titqies li hija purament derivata minn dik tas-sussidjarja, jew inkella d-differenza bejn l-ammont impost fuq il-kumpannija parent u dak tal-ammont stabbilit għas-sussidjarja hija nieqsa minn kull bażi ġuridika jew minn kull bażi legali.

80. Madankollu, m'iniex konvint li l-prinċipju ta' kontradittorju, li b'mod partikolari jfisser li l-partijiet ikollhom għarfien u jistgħu jiddibattu b'mod kontradittorju kemm punti ta' fatt kif ukoll ta' dritt li huma deċiżivi għad-deċiżjoni fil-proċedura [34] — irrispettivament minn jekk tqajmux jew le *ex officio* mill-qorti — ġie interpretat b'mod żbaljat mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-proċedura kontenzjuża li wasslet għas-sentenza appellata.

32 — T-386/06, EU:T:2011:115.

33 — Għalkemm il-kliem tal-aggravju jista', sa ċertu punt, iwassal għal ċerta konfużjoni, hija fil-fatt bidla tan-natura tar-responsabbiltà li għaliha qed tirreferi l-appellanti, u mhux biss aggravazzjoni tar-responsabbiltà tagħha.

34 — Dan ir-rekwiżit tfakkar reċentement fis-sentenza UASI vs National Lottery Commission (C-530/12 P, EU:C:2014:186, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81. Fil-fatt, anki jekk jitqies li kellu jintuża l-argument li s-sentenza appellata, moqrija flimkien mas-sentenza mogħtija fl-istess jum fil-kawża Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423), biddlet in-natura tar-responsabbiltà li taqa' fuq l-appellanti, is-sentenza appellata ma tistax, fl-opinjoni tiegħi, tiġi interpretata bħala problematika mill-perspettiva tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża.

82. Jiena tal-opinjoni wkoll li l-aggravju bbażat fuq ksur f'dan il-każ tal-prinċipju ta' kontradittorju huwa, jekk mhux ineffettiv, infondat b'mod ċar.

83. L-aggravju huwa ineffettiv fis-sens li ma hijiex is-sentenza appellata li possibbilment biddlet in-natura tar-responsabbiltà, iżda l-effett tagħha flimkien ma' dak tas-sentenza mogħtija fl-istess jum fil-kawża Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423).

84. L-aggravju huwa, fi kwalunkwe każ, infondat inkwantu ma huwa bl-ebda mod stabbilit li l-Qorti Ġenerali adottat is-sentenza appellata billi naqset milli tissottometti punt ta' fatt jew ta' dritt għad-diskussjoni bejn il-partijiet. Jekk jiġi deċiż mod ieħor ifisser li l-qorti tkun obbligata li b'mod sistematiku tistieden lil entità ġuridika sabiex tiddeċiedi fuq l-impatt potenzjali ta' pożizzjonijiet adottati f'kawżi konnessi jew paralleli.

85. Finalment, huwa ferm magħruf li l-possibbli ksur ta' dritt proċedurali mill-Qorti Ġenerali, bħar-rispett tal-prinċipju ta' kontradittorju, ma għandux iwassal għall-annullament tas-sentenza tagħha ħlief meta jkun intwera li dan il-ksur kellu effett fuq is-soluzzjoni tat-tilwima [35].

86. Jidhirli li tali prova hija nieqsa f'din il-kawża. Fil-fatt ma huwiex stabbilit li stedina tal-appellanti fis-sens irrakkomandat minn din tal-aħħar kellha neċessarjament in-natura li tibdel ir-riżultat tat-tilwima.

c) Fuq it-tielet aggravju

87. Lanqas it-tielet aggravju ma huwa konvinċenti.

88. Kif diġà esponejt preċedentement, mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29) ma jistax jiġi dedott li l-Qorti Ġenerali wettqet xi żball ta' liġi jew eżerċitat b'mod żbaljat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha meta, f'din il-kawża, ma ġabitx l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti konformi ma' dik finalment imposta fuq is-sussidjarja tagħha fil-kawża li wasslet għas-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423).

89. Fir-rigward tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-argument tal-appellanti, li essenzjalment jindika li l-Qorti Ġenerali marret lil hinn mis-setgħat tagħha fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha billi biddlet, f'dan il-kuntest, in-natura tar-responsabbiltà tagħha, lanqas ma jikkonvinċini.

90. Fil-kuntest ta' dak li indikajt fir-rigward tal-ewwel aggravju, huwa biżżejjed li jitfakkar li dak li huwa possibbilment problematiku mill-perspettiva tal-bidla tal-grad tar-responsabbiltà huwa t-tnaqqis magħmul fil-kawża parallela Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423), u mhux is-sentenza appellata meħuda waħedha.

91. Fir-rigward tat-tieni parti tat-tielet aggravju, din tirrelata ħafna mat-tagħlim li għandu jinsilet mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29).

35 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Gascogne Sack Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-40/12 P, EU:C:2013:768, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

92. Għal darb'oħra, jiena nikkunsidra indispensabbli li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja semmiet biss possibbiltà għall-Qorti Ġenerali, meta kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha jikkontestaw il-multi tagħhom permezz ta' rikorsi paralleli li għandhom l-istess suġġett, li l-kumpannija parent tingħata l-benefiċċju tal-istess tnaqqis tal-multa bħal dak mogħti lis-sussidjarja tagħha. Dan barra minn hekk jidhirli li jirriżulta b'mod ċar biżżejjed mit-termini użati mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari bl-użu f'żewġ okkażjonijiet, fil-punt 61 tal-imsemmija sentenza, tat-terminu "possibbiltà". Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-setgħa ta' ġurisdizzjoni sħiħa kienet tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonforma l-ammont tal-multa imposta fuq il-kumpannija parent ma' dik li hija stabbilixxiet għas-sussidjarja fil-kuntest tar-rikors parallel ippreżentat minn din tal-aħħar, hija bl-ebda mod ma stabbilixxietu bħala obbligu.

93. Għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq, il-fatt li jiġi stabbilit dan l-obbligu jnaqqas biss parzjalment l-inkonvenjenzi maħluqa minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-ammonti tal-multa imposti rispettivament fuq il-kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha.

94. Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tistabbilixxi tali obbligu għall-Qorti Ġenerali, ħaġa li ma tidhirlix opportuna fid-dawl tal-obbligu ta' eżekuzzjoni li għandha l-Kummissjoni skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, dan l-obbligu ta' intervent tal-qorti jista' jiġi impost biss taħt ċerti kundizzjonijiet.

95. Minbarra l-eżistenza ta' rikorsi paralleli ppreżentati mis-sussidjarja u mill-kumpannija parent tagħha, ir-rikorsi għandhom, kif jirriżulta b'mod ċar mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29), ikollhom ukoll *l-istess suġġett*.

96. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma evalwatx b'mod ċar id-dettalji ta' dan il-kunċett ta' suġġett f'din is-sentenza, xorta jibqa' l-fatt li żewġ elementi essenzjali jippermettu li jiġi evalwat il-kontenut tiegħu.

97. Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja ma teħtieġx li l-aggravji invokati jew li l-argumenti żviluppati insostenn tal-imsemmija aggravji jkunu identiċi. Tali approċċ ikun wisq ristrettiv u jirriskja li jtellef kull tentattiv sabiex l-ammonti tal-multi, deċiżi mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, jinġabu konformi.

98. Min-naħa l-oħra, ma huwiex biżżejjed li jintalab li t-talbiet imressqa mis-sussidjarja u mill-kumpannija parent rispettivament ikunu intiżi għall-istess riżultat sabiex jiġi konkluż li s-suġġett huwa identiku. Bl-istess mod, il-kontestazzjoni ġenerali tan-natura xierqa u proporzjonata tal-multa fir-rigward tal-kriterji ta' tul u ta' gravità tal-ksur ma għandhiex twassal sabiex ikun konkluż li s-suġġett huwa identiku.

99. Fuq dan il-punt, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja vvalidat l-approċċ użat mill-Qorti Ġenerali fil-kawża Tomkins vs Il-Kummissjoni (T-382/06, EU:T:2011:112), billi ddistingwixxiet l-ilmenti relatati mat-tul tal-ksur skont jekk kinux isemmu jew le l-istess aspett. Il-Qorti Ġenerali fil-fatt ma kinitx ġabet konformi l-ammonti tal-multi ħlief f'dan il-każ. Fil-punt 56 tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li kkonfermat id-distinzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali meta ddeċidiet li din ma setgħetx tiġi kkritikata talli fil-kawża ppreżentata minn Tomkins plc kienet irrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni żball imwettaq mill-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-fattur ta' dissważjoni fil-konfront ta' Pegler Ltd. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, f'dan il-kuntest, li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 56 sa 58 tal-istess sentenza, kienet siltet il-konklużjoni fattwali li r-rikors ta' Tomkins plc ma kienx isemmi żball min-naħa tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-fattur ta' dissważjoni.

100. Sabiex nirritornaw għal dan il-każ, għalkemm huwa minnu li, f'diversi aggravji relatati mal-imputabbiltà tal-ksur lill-appellanti, din tal-aħħar ikkontestat ukoll id-determinazzjoni tal-perijodu tal-ksur, hija ma għamlitx dan eżattament mill-istess perspettiva bħal Total France. Fil-fatt, minbarra l-konstatazzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni effettiva tagħha matul ċerti perijodi, Total France kienet ukoll ikkritikat il-metodu użat fil-kalkolu tal-multa sabiex jiġi ddefinit il-fattur multiplikatur applikabbli minħabba t-tul tal-ksur.

101. Huwa preċiżament l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità fl-applikazzjoni tal-metodoloġija li tirriżulta mil-linji gwida li wasslu lill-Qorti Ġenerali sabiex tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tal-appellanti.

102. Jiena wkoll tal-opinjoni li, kieku l-Qorti Ġenerali kienet obbligata tikkunsidra t-tnaqqis tal-multa li ddeċidiet għal Total France, hija ma kinitx tkun tista' tnaqqas bl-istess mod dik imposta fuq l-appellanti. Fil-fatt, ir-rikors tal-appellanti ma kienx relatat mal-metodoloġija applikata skont it-tul u għalhekk fuq dan il-punt ma kellux l-istess suġġett bħal dak tas-sussidjarja tagħha Total France.

103. Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, għad jonqos il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali kellhiex tagħti *ex officio* l-istess tnaqqis ta' multa li hija tat lil Total France.

104. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni sħiħa ma huwiex ekwivalenti għal stħarriġ *ex officio* u li, bl-eċċezzjoni tal-motivi ta' ordni pubbliku li l-qorti hija obbligata li tqajjem *ex officio*, bħan-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, hija r-rikorrenti li għandha tqajjem il-motivi kontra din tal-aħħar u tressaq il-provi insostenn ta' dawn il-motivi [36].

105. Peress li fl-ewwel istanza l-appellanti ma kkontestatx il-metodoloġija applikata sabiex jiġi stabbilit il-fattur applikabbli skont it-tul tal-ksur sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-multa, fl-opinjoni tiegħi, hija ma tistax, fl-istadju tal-appell, issostni li hija kienet issuġġettata mill-Qorti Ġenerali għal trattament inqas favorevoli minn dak mogħti lis-sussidjarja tagħha.

106. Barra minn hekk, peress li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma huwiex motiv ta' ordni pubbliku [37], il-Qorti Ġenerali ma kinitx obbligata, legalment, li tqajjem l-illegalità li biha l-applikazzjoni tal-fattur multiplikatur kienet ivvizzjata, minkejja li kienet mgħarrfa dwar din il-kwistjoni fil-kuntest tar-rikors parallel ippreżentat minn Total France.

107. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma wkoll validi fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Il-fatt li l-Qorti Ġenerali għandha teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha bl-osservanza ta' dan il-prinċipju ma jfissirx li hija obbligata tqajjem kull argument relatat mal-eventwali ksur tal-imsemmi prinċipju.

108. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, jiena tal-opinjoni li l-ewwel u t-tielet aggravji tal-appell għandhom jiġu miċħuda.

B – *It-tieni aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi relatati mal-motivazzjoni tas-sentenza appellata*

109. L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet diversi "żbalji relatati mal-motivazzjoni" fl-eżerċizzju, rispettivament, tal-istħarriġ ta' legalità u tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha.

36 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (C-272/09 P, EU:C:2011:810, punt 104); Chalkor vs Il-Kummissjoni (C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 64), kif ukoll is-sentenza KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (C-389/10 P, EU:C:2011:816, punt 131).

37 — Dan jixhdu l-fatt li kien ġie miċħud bħala motiv ġdid quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenzi Langnese-Iglo vs Il-Kummissjoni, C-279/95 P, EU:C:1998:447, punti 53 sa 56, u The Dow Chemical Company vs Il-Kummissjoni, C-179/12 P, EU:C:2013:605, punti 80 sa 83).

1. L-ewwel parti: eżistenza ta' żball ta' liġi mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-istħarriġ ta' legalità tagħha talli ma kkritikatx il-ksur mill-Kummissjoni tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha

a) L-argumenti tal-partijiet

110. L-appellanti tressaq żewġ ilmenti.

111. Fl-ewwel lok, hija tikkunsidra li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji fl-istħarriġ tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-argumenti intiżi sabiex jikkonfutaw il-preżunzjoni ta' influwenza determinanti.

112. Fl-opinjoni ta' Total, f'dan il-każ kien hemm diversi elementi li, skont it-tagħlim tas-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni [38], kienu jimponu motivazzjoni msaħħa fir-rigward tar-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni kkunsidrat li l-provi prodotti ma kinux biżżejjed sabiex jikkonfutaw il-preżunzjoni msemmija.

113. L-ewwel nett, id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx inkluża fil-prassi deċiżjonali stabbilita, iżda kienet timmarka bidla fl-approċċ, murija fil-kawża li wasslet għas-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620), fl-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' influwenza determinanti tal-kumpanniji parent fuq is-sussidjarji tagħhom. It-tieni nett, din il-bidla fl-approċċ wasslet għal differenza notevoli fit-trattament tal-appellanti, li kienet titlob attenzjoni partikolari mill-Kummissjoni. It-tielet nett, għandu jiġi enfasizzat li, f'dan il-każ, ir-responsabbiltà tal-appellanti hija responsabbiltà derivata kollha kemm hi minn dik tas-sussidjarja tagħha, li hija biss ipparteċipat direttament fil-ksur. Ir-raba' nett, Total ġiet formalment imwissija biss fil-mument li fih intbagħtet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ħaġa li potenzjalment tista' taffettwa d-drittijiet tad-difiża.

114. Filwaqt li tirreferi għal Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620) (b'mod partikolari għall-punti 160 u 167 tagħha), Total tqis li, kuntrarjament għal dak li tiddikjara l-Qorti Ġenerali fil-punt 123 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni ma eżaminatx il-provi kollha li hija kienet ipproduċiet. Il-Qorti Ġenerali ma kkritikatx in-nuqqas totali ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fuq dan il-punt, ħaġa li tikkostitwixxi ksur ta' forma proċedurali sostanzjali. Skont l-appellanti, is-sentenza appellata turi konfużjoni (ara, b'mod partikolari, il-punti 74 u 146 tas-sentenza appellata) bejn, minn naħa, il-possibbiltà għall-Kummissjoni, meta kumpannija parent iżżomm 100 % tas-sussidjarja tagħha, li tippreżumi li hemm unità ekonomika bejniethom u, min-naħa l-oħra, il-possibbiltà leġittima għal kumpannija li trid tikkonfuta tali preżunzjoni li tipproduċi kull prova sabiex turi li ż-żewġ kumpanniji inkwistjoni ma jifformaw tali unità.

115. Fit-tieni lok, Total tqis li, meta ssostitwixxiet ir-raġunament tagħha stess għal dak tal-Kummissjoni minflok iċċensurat id-deċiżjoni kkontestata minħabba nuqqas ta' motivazzjoni, il-Qorti Ġenerali eċċediet il-limiti tal-istħarriġ ta' legalità tagħha, li neċessarjament għandu jwassal għall-annullament tas-sentenza annullata. Dan għandu jkun partikolarment il-każ fir-rigward tal-motivazzjoni tar-risposta għall-argumenti relatati rispettivament mal-awtonomija finanzjarja ta' Total Raffinage Marketing (T-566/08, EU:T:2013:423) (b'mod partikolari l-punti 89 u 90 tas-sentenza appellata), in-nuqqas ta' komunikazzjoni mis-sussidjarja lill-kumpannija parent dwar l-attività tagħha fis-suq (punt 95 tas-sentenza appellata), in-nuqqas ta' istruzzjonijiet mogħtija mill-kumpannija parent lill-appellanti (punt 99 tas-sentenza appellata) u, finalment, in-nuqqas ta' sovrappożizzjonijiet tal-persunal fi ħdan il-bordijiet ta' diretturi tal-kumpannija parent u tas-sussidjarja tagħha (punti 75 sa 80 tas-sentenza appellata).

116. Il-Kummissjoni titlob li dawn l-ilmenti jiġu miċħuda peress li tikkunsidrahom inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondati.

38 — C-521/09 P, EU:C:2011:620, punti 150 sa 165.

b) Evalwazzjoni

i) Ammissibbiltà

117. Qabel kollox għandha tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' din il-parti.

118. Hekk kif irrilevat il-Kummissjoni, jista' leġittimament jiġi mistoqsi jekk l-appellanti, meta qajmet għall-ewwel darba l-kwistjoni tal-motivazzjoni, bħala forma proċedurali sostanzjali, tad-deċiżjoni kkontestata, kinitx intiża sabiex tibdel is-suġġett tal-kawża mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali.

119. Fil-fatt jidher li l-punti tas-sentenza appellata kkontestati fil-kuntest tat-tieni aggravju ta' dan l-appell [39], li kienu intiżi sabiex jirrispondu l-argument espost fit-tieni parti tar-raba' aggravju mqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, kienu essenzjalment relatati mal-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni kinitx wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni tal-punti mressqa sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni ta' influwenza determinanti.

120. L-appellanti, barra minn hekk, enfasizzat li l-kritika li hija tagħmel fil-kuntest ta' dan l-aggravju hija relatata ma' "nuqqas totali ta' motivazzjoni" tad-deċiżjoni kkontestata, li l-Qorti Ġenerali kellha tirrileva *ex officio*.

121. F'dan ir-rigward, huwa korrettament stabbilit li l-interpretazzjoni żbaljata tal-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet, maħsuba bħala forma proċedurali sostanzjali, *tista'* titqajjem *ex officio* mill-qorti. Din il-possibbiltà toħroġ loġikament mill-ħtieġa tal-qorti mitluba tiddeċiedi l-kawża li tkun taf, sabiex teżerċita b'mod konkret l-istħarriġ tagħha, ir-raġunament tal-awtur tal-att. Għalhekk huwa korrettament stabbilit li l-obbligu li timmotiva deċiżjoni individwali għandu l-għan fundamentali li jippermetti stħarriġ ġudizzjarju [40].

122. Il-kwistjoni dwar jekk in-nuqqas ta' motivazzjoni *għandux* jitqajjem *ex officio* fil-każijiet kollha hija wisq iktar delikata u teħtieġ, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, risposta negattiva.

123. Fl-opinjoni tiegħi, meta l-qorti tintalab tiddeċiedi dwar il-fondatezza ta' evalwazzjoni li saret f'att appellat — f'dan il-każ dik relatata mal-eżami tal-provi prodotti sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni ta' influwenza determinanti tal-appellanti fuq is-sussidjarja tagħha, il-qorti għandha neċessarjament, sabiex twettaq l-istħarriġ tagħha, tkun f'pożizzjoni li tifhem il-kontenut tad-deċiżjoni u r-raġunament użat mill-awtur tal-att. Fi kliem ieħor, l-eżami tal-fondatezza tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni jsir neċessarjament bil-verifika, anki impliċita, tan-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

124. Naqbel ukoll perfettament mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali ma tistax tistħarreġ *ex officio* l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fuq aspetti li ma tqajmux quddiemha. Barra minn hekk, huwa f'dan is-sens li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet reċentement, billi ċaħdet, fil-kuntest ta' appell, żewġ aggravji relatati mal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li, bħal kif inhu l-każ f'din il-kawża, ma kinux tqajmu espressament fl-ewwel istanza [41].

125. Is-sitwazzjoni f'din il-kawża hija differenti minn dik inkwistjoni fil-kawża Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620), kawża li fiha l-kwistjoni tal-motivazzjoni taċ-ċaħda tal-argumenti mressqa mill-appellanti sabiex tikkonfuta l-preżunzjoni ta' influwenza determinanti kienet speċifikament tqajmet fl-ewwel istanza [42].

39 — Punti 88 sa 93 u 94 sa 96 tas-sentenza appellata.

40 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, (C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 148 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 — Ara s-sentenza Gascogne Sack Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-40/12 P, EU:C:2013:768, punti 46 sa 55 u 61 sa 64).

42 — Ara l-punt 9 tas-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, EU:C:2011:620, li jsemmi l-eżami mill-Qorti Ġenerali tat-tieni aggravju mqajjem quddiemha, ibbażat fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni.

126. F'dan il-każ għandu jiġi rrilevat li l-appellanti ffokat l-argument tagħha fuq l-użu stess tal-preżunzjoni tal-eżerċizzju ta' influwenza determinanti fuq is-sussidjarja tagħha Total France, li kienet tressqet kontra tagħha u fuq il-provi li kellhom iwasslu lill-Kummissjoni tikkonfuta l-preżunzjoni msemmija. Il-punti kritiċi tas-sentenza appellata kienu għalhekk relatati mal-fondatezza tal-evalwazzjonijiet li saru mill-Kummissjoni u man-natura possibbilment insuffiċjenti, mill-perspettiva ta' forom proċedurali sostanzjali, tal-espożizzjoni tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata.

127. Jiena tal-opinjoni li l-ewwel parti tal-aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli kollha kemm hi.

128. Fil-fatt jidhirli li huwa diffiċilment possibbli li l-Qorti Ġenerali tiġi kkritikata talli ma qajmitx kwistjoni li ma kinitx tressqet lilha direttament. Fl-opinjoni tiegħi, konklużjoni oħra twassal għal interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipji ewlenin tal-proċedura billi timponi obbligu sproporzjonat fuq il-qorti, obbligu li huwa bbażat fuq ix-xewqa li jiġi "ikkumpensat" b'xi mod l-użu, ivvalidat mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-preżunzjoni ta' influwenza tal-kumpanniji parent fuq is-sussidjarji tagħhom. Ser nerġa' nirreferi għal dan il-punt iktar 'il quddiem.

129. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma' din il-konklużjoni, għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' mertu dwar jekk il-Qorti Ġenerali interpretatx b'mod żbaljat it-tagħlim tal-imsemmija sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni.

ii) Portata tal-obbligu ta' motivazzjoni skont l-istess sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P)

130. L-appellanti tidher li tissuġġerixxi li l-kwistjoni li l-motivazzjoni ta' atti tal-istituzzjonijiet titqajjem *ex officio* tidher f'dawl ġdid u b'intensità partikolari fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jużaw il-preżunzjoni ta' influwenza determinanti. Fil-fatt, jekk jiġi kkunsidrat it-tagħlim tas-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620), il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod partikolari li, flimkien mal-obbligu tal-Kummissjoni li fid-deċiżjoni kkontestata tinkludi "stqarrija dettaljata" tar-raġunijiet li għalihom hija kkunsidrat li l-provi prodotti mill-kumpannija parent rikorrenti ma kinux biżżejjed sabiex tirribatti l-preżunzjoni applikata f'din id-deċiżjoni, għandha tkun il-Qorti Ġenerali li għandha tagħti *attenzjoni partikolari* dwar jekk il-Kummissjoni ssodisfatx dan l-obbligu (punt 167 tas-sentenza).

131. Infakkar li, fis-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620), il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari enfasizzat li, fir-rigward ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni bbażata esklużivament, fir-rigward ta' ċerti destinatarji, fuq il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni hija fi kwalunkwe każ — jekk dan ma jkunx il-każ, tali preżunzjoni, fil-fatt, tkun inkonfutabbli — obbligata li tipprovdi b'mod adegwat lil dawn id-destinatarji r-raġunijiet li għalihom il-punti ta' fatt u ta' liġi invokati ma kinux biżżejjed sabiex jirribattu din il-preżunzjoni. Il-kompitu tal-Kummissjoni li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha fuq dan il-punt jirriżulta b'mod partikolari min-natura konfutabbli tal-imsemmija preżunzjoni, li sabiex tingħeleb il-persuna kkonċernata għandha tipproduċi prova li tirrigwarda r-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u ġuridiċi kollha bejn il-kumpanniji kkonċernati (punt 153 tal-istess sentenza).

132. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li, għalkemm il-Kummissjoni mhux neċessarjament hija meħtieġa li tieħu pożizzjoni fuq l-argumenti kollha invokati quddiemha mill-partijiet ikkonċernati, hija l-Qorti Ġenerali, *fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ*, li għandha tagħti attenzjoni partikolari dwar jekk din l-aħħar deċiżjoni tinkludix stqarrija dettaljata tar-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni kkunsidrat li l-provi prodotti mill-appellanti ma kinux biżżejjed sabiex tirribatti l-preżunzjoni applikata f'din id-deċiżjoni (punti 161 u 167 tas-sentenza).

133. Minbarra l-fatt, imsemmi iktar 'il fuq, li kien qajjem quddiem il-Qorti Ġenerali l-kwistjoni tal-motivazzjoni tal-parti tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-preżunzjoni ta' influwenza determinanti u tal-argumenti intiżi sabiex jikkonfutawha, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja riedet turi ċirkustanzi partikolari u mhux, fl-opinjoni tiegħi, li tistabbilixxi xi obbligu ta' motivazzjoni msaħħa u, fl-istess ħin, teżiġi mill-Qorti Ġenerali viġilanza partikolari f'dan is-sens.

134. Dan jidhirli li jirriżulta b'mod ċar ħafna mit-termini użati mill-Qorti tal-Ġustizzja, li, wara li fakkret il-ġurisprudenza stabbilita fil-qasam ta' motivazzjoni tal-atti ta' portata individwali [43] u b'mod partikolari r-regola li tgħid li r-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jkun adattat għal kull każ, tirreferi għal ċirkustanzi partikolari għal dan il-każ.

135. Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li kienet biss premessa waħda tad-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża li kienet turi realment ir-raġunijiet tar-rifjut mill-Kummissjoni tal-argumenti tal-appellanti relatati mal-allegata awtonomija tas-sussidjarja tagħha [44].

136. Sussegwentement, il-kawża inkwistjoni kienet, fl-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, ikkaratterizzata minn bidla fl-approċċ — mhux ikkontestat fil-kuntest tal-proċedura tal-appell — fil-konfront tal-appellanti bejn id-deċiżjoni "perossidi organiċi" [45] u d-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża [46].

137. Skont is-sentenza, kien biss minħabba "ċirkustanzi partikolari" li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet finalment ikkonkludiet li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-deċiżjoni kkontestata kienet konformi mal-Artikolu 253 KE u meta ma ssanzjonatx in-nuqqas ta' motivazzjoni li vvizzja d-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda l-multa imposta fuq l-appellanti [47].

138. F'dan il-każ, ma jidhirlix li t-tagħlim ta' din is-sentenza ġie interpretati b'mod żbaljat.

139. Fl-ewwel lok, hekk kif il-Kummissjoni semmiet b'mod korrett ferm, kemm it-termini tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni kif ukoll iċ-ċirkustanzi speċifiċi li wasslu għall-adozzjoni tagħha jidhirli li għandhom jiġu distinti minn dawk li wasslu għas-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620). Mingħajr dubju hawnhekk għandna deċiżjoni tal-Kummissjoni li għandha motivazzjoni iktar iddettaljata [48] u ċertament inqas ambigwa minn dik li tikkaratterizza li dik inkwistjoni f'din il-kawża.

140. Fit-tieni lok, jista' jqum id-dubju li l-Kummissjoni ma applikatx il-prassi deċiżjonali tagħha bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fil-kawża ta' quddiemna. Dan fil-fatt huwa kkaratterizzat minn ċerta ortodossija fir-rigward tal-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' eżerċizzju effettiv użata fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-kumpanniji parent u s-sussidjarji tagħhom miżmuma 100 %. Fil-fatt, jidhirli li l-użu ta' din il-preżunzjoni mill-Kummissjoni u l-inklużjoni tagħha fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [49] saru ferm qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

141. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li l-argument ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-obbligu ta' motivazzjoni, kif kien spjegat fl-imsemmija sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, fl-opinjoni tiegħi, ma jistax jiġi milqugħ.

43 — Ara Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620, punti 144 sa 155).

44 — *Ibidem* (punt 168).

45 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 4570 finali, tal-10 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-2/37.857 – Perossidi organiċi) (ĠU 2005, L 110, p. 44).

46 — Jiġifieri d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 4876 finali, tad-19 ta' Jannar 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/37.773 – AMCA (ara s-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, EU:C:2011:620, punti 163 sa 167).

47 — Ara s-sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 170).

48 — L-evalwazzjoni dwar l-impriża responsabbli tal-ksur hija, fir-rigward tal-appellanti, spjegata fuq xi għoxrin premessa (premessi 574 sa 586 tad-deċiżjoni kkontestata).

49 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-243/12 P, EU:C:2009:536, punti 58 sa 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

142. Fi kwalunkwe każ, m'iniex konvint li l-Qorti Ġenerali wettqet xi żball fl-"analiżi tal-motivazzjoni" tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt jidhirli li l-provi kollha prodotti mill-appellanti sabiex tikkontesta u tikkonfuta l-preżunzjoni ta' influwenza determinanti f'dan il-kuntest [50] ittieħdu inkunsiderazzjoni kif suppost mill-Qorti Ġenerali u li din żgurat ruħha li l-Kummissjoni kienet evalwat b'mod korrett il-provi prodotti bħala risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Dan jixhduh il-konklużjonijiet sinjifikattivi stabbiliti mill-Qorti Ġenerali waqt l-eżami tal-argumenti mressqa f'dan ir-rigward mill-appellanti u bbażati, rispettivament, fuq in-nuqqas ta' sovrappożizzjoni tal-bordijiet ta' diretturi tal-appellanti u ta' Total France (punti 75 sa 81), l-allegata definizzjoni awtonoma minn Total France tal-istrateġija kummerċjali tagħha (punti 82 sa 87), l-allegata awtonomija finanzjarja ta' Total France u tal-proporzjon żgħir ta' bejgħ ta' xema' tal-paraffin fid-dħul mill-bejgħ tagħha (punti 88 sa 93), l-allegazzjonijiet li Total France ma informatx lill-appellanti bl-attività tagħha fis-suq (punti 94 sa 96) u allegazzjonijiet li Total France ma kinitx suġġetta għall-istruzzjonijiet tal-appellanti u li kienet taġixxi f'isimha stess u għan-nom tagħha stess (punti 97 sa 100).

143. Kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-appellanti, jiena tal-opinjoni li dawn il-konklużjonijiet ma juru l-ebda konfużjoni bejn il-possibbiltà li tintuża l-preżunzjoni ta' influwenza determinanti kif tirriżulta mill-ġurisprudenza u l-possibbiltà leġittima għal kull kumpannija li tressaq provi sabiex tikkonfuta l-imsemmija preżunzjoni.

144. Finalment, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet, b'mod partikolari fil-punti 89, 90, 95, 98 u 99, issostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha għal dik li ma kinitx saret mill-Kummissjoni, lanqas ma jikkonvinċini.

145. Minbarra l-fatt li ċerti partijiet jirrigwardaw kunsiderazzjonijiet addizzjonali [51], li l-invalidità tagħhom ma għandhiex twassal għall-annullament tas-sentenza [52], il-fatt li l-Qorti Ġenerali, fil-partijiet tas-sentenza relatati mat-tieni parti tar-raba' aggravju, użat ċerti kunsiderazzjonijiet esposti mill-Kummissjoni, filwaqt li ssuġġettathom għall-analiżi kritika li r-riżultat mid-dibattitu bejn il-partijiet, ma għandux jiġi assimilat bħala tentattiv ta' sostituzzjoni tal-motivi.

146. Konsegwentement, nipproponi li l-ewwel parti tat-tieni aggravju tiġi miċħuda bħala inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, bħala infondata.

2. It-tieni parti: nuqqas ta' motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali meta aġixxiet fil-kuntest tas-setgħa ta' riforma tagħha.

a) L-argumenti tal-partijiet

147. L-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma vverifikatx, b'inizjattiva tagħha stess, jekk il-motivazzjoni tal-ammont tal-multa kinitx xierqa, kemm fir-rigward tal-gravità kif ukoll tat-tul tal-ksur, minkejja li għamlet hekk fis-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423). Skont Total, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi doppju: l-ewwel nett, naqset milli tivverifika b'mod indipendenti u *ex officio* jekk il-multa imposta fuqha kinitx xierqa u, it-tieni nett, li l-evalwazzjoni tagħha kienet immotivata b'mod żbaljat billi llimitat ruħha sabiex tindika, fil-punt 224 tas-sentenza appellata, li l-ammont tal-multa kien xieraq "fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ".

148. Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tiġi miċħuda.

50 — Ara l-eżami tar-raba' motiv li sar fil-punti 67 sa 102 tas-sentenza appellata.

51 — Dan huwa l-każ fir-rigward tal-punti 80 u 99 tas-sentenza appellata.

52 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Deutsche Post (C-399/08 P, EU:C:2010:481, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).

b) Evalwazzjoni

149. It-tieni parti tat-tieni aggravju, fl-opinjoni tiegħi, tinkludi fiha żewġ aspetti. L-ewwel wieħed huwa marbut mill-qrib mal-kwistjonijiet imqajma mill-ewwel aggravju, għaliex sar paralleliżmu mal-ammont tal-multa użat fis-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423). It-tieni huwa iktar intiż sabiex b'mod globali jikkritika nuqqas ta' motivazzjoni dwar jekk il-multa li ġiet imposta fuqha kinitx xierqa.

150. Fuq l-ewwel aspett, għandu jsir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet esposti preċedentement. Fil-fatt, mhux biss il-Qorti Ġenerali ma kinitx obbligata li tikkonforma l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti ma' dak li finalment ġie ffissat għas-sussidjarja tagħha, iżda l-kritika mqajma mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali dwar it-tul tal-ksur ma kinitx tirrigwarda l-istess aspett bħal dak iċċensurat mill-Qorti Ġenerali u għalhekk ma kellux "l-istess għan".

151. Fuq it-tieni aspett, ma naħsibx li l-punti tas-sentenza appellata speċifikament imsemmija mill-appellanti (punti 214 sa 219 u 224) huma vvizzjati minn xi żball ta' evalwazzjoni jew minn xi nuqqas ta' motivazzjoni, tant kemm jidhru ġenerali jew fil-qosor il-kunsiderazzjonijiet użati mill-Qorti Ġenerali.

152. F'dan il-każ, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali spjegat dan li ġej fir-rigward tal-aggravji mqajma insostenn tat-talbiet għal riforma [53].

153. L-ewwel nett, hija ċaħdet it-tmien motiv, intiż għat-tħassir tal-multa li kienet ġiet imposta fuq ir-rikorrenti u bbażat fuq il-ksur tal-linji gwida tal-2006 u fuq in-natura sproporzjonata tal-ammont tal-multa. Ir-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali b'risposta għal dan il-motiv [54] ma fih l-ebda ambigwità u, qabel kollox, ma ġiex ikkontestat fil-kuntest ta' dan l-appell.

154. Sussegwentement, huwa abbażi ta' sommarju li fl-opinjoni tiegħi kien biżżejjed [55] li hija ċaħdet l-argumenti kollha tal-appellanti żviluppati fil-kuntest tad-disa' motiv, intiż għal tnaqqis sinjifikattiv tal-ammont tal-multa u bbażat fuq l-allegata determinazzjoni żbaljata tal-gravità u tat-tul tal-prattiki allegati kif ukoll ta' ksur tad-drittijiet ta' difiża.

155. Barra minn hekk, għalkemm il-Qorti Ġenerali, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti għan-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tan-nuqqas ta' effetti tal-prattiki kkontestati fuq is-suq rilevanti, indikat li l-eżami tal-motivazzjoni kien jaqa' fl-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata li hija teżerċita skont l-Artikolu 230 KE [56], hija, madankollu, ma rrifjutatx li tirrispondi għall-argumenti tal-appellanti, kif kienu ppreżentati fir-rikors fl-ewwel istanza [57].

156. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jidhirli li huma xorta waħda validi fir-rigward tal-argumenti mressqa sabiex jinvalidaw it-talbiet tal-Kummissjoni li jirrigwardaw it-tul tal-ksur (ara l-punti 215 sa 219 tas-sentenza appellata).

157. Finalment, ma nistax naqbel mal-argument ibbażat fuq il-fatt li l-konklużjoni fil-punt 224 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti kienet xierqa "fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ", li hija partikolarment vaga u ġenerali, turi li l-Qorti Ġenerali ma eżerċitatx l-istħarriġ tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha kif kienet obbligata tagħmel.

53 — Ara l-punti 191 sa 224 tas-sentenza appellata.

54 — *Ibidem* (punti 193 sa 204).

55 — *Ibidem* (punti 208 sa 220 u 222 sa 223).

56 — Ara l-ewwel sentenza tal-punt 212 tas-sentenza appellata.

57 — Ara t-tielet sentenza tal-punt 212 tas-sentenza appellata.

158. Minbarra l-fatt li l-appellanti tonqos milli turi li l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fil-punt 224 tas-sentenza appellata saret wara eżami tal-motivi kollha mqajma insostenn tat-talba ta' riforma, hija ma tindikax fuq liema aspetti speċifikament imsemmija matul il-proċedura r-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali huwa vvizzjat b'nuqqas ta' motivazzjoni.

159. Jekk jitqies li fir-realtà huwa l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali dwar in-natura xierqa tal-multa li ġiet imposta fuqha li l-appellanti trid tikkritika, hija ma ssemmiex liema elementi, fl-opinjoni tagħha, kellhom jiġu kkunsidrati fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. Il-Qorti Ġenerali ma tistax tintalab, fl-eżerċizzju tal-imsemmija ġurisdizzjoni, li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha minflok dik tal-Kummissjoni billi teżamina *ex officio* lmenti oħra li possibbilment jistgħu jitqajmu kontra l-punti kkontestati tad-deċiżjoni kkontestata [58].

160. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, qed jiġi propost li t-tieni aggravju jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

C – *Fuq ir-raba' sas-sitt aggravji intiżi għall-annullament jew għall-bidla tal-ammont tal-multa*

161. Permezz tar-raba' aggravju tagħha, l-appellanti titlob, sussidjarjament, li l-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet żviluppati b'mod partikolari fil-kuntest tat-tielet aggravju, tuża b'mod sħiħ is-setgħa ta' riforma tagħha billi tannulla jew tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq Total filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi ta' dritt kollha tal-kawża.

162. Permezz tal-ħames aggravju tagħha, l-appellanti titlob, iktar sussidjarjament, li l-Qorti tal-Ġustizzja, anki fin-nuqqas ta' annullament tas-sentenza appellata, tikkonstata li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat is-setgħa ta' riforma tagħha u tnaqqas il-multa imposta fuq Total għal-livell tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha skont is-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423), jiġifieri li tnaqqas il-multa b'ammont ta' EUR 2,704,158.

163. Permezz tas-sitt u l-aħħar aggravju tagħha, imqajjem iktar sussidjarjament, l-appellanti titlob, fi kwalunkwe każ, li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonforma l-ammont bażiku tal-multa li ġiet imposta fuqha ma' dak iffissat għas-sussidjarja tagħha Total France jew, f'każ ta' appell ippreżentat mis-sussidjarja, permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dan l-appell, jekk din tikkunsidra li l-kawża tista' tiġi deċiża, jew permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fuq rinviju tal-kawża quddiem din tal-aħħar mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għall-istess raġunijiet, Total tikkunsidra li l-possibbiltà tal-annullament tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha għandha neċessarjament twassal għall-annullament tal-multa imposta fuqha.

164. Peress li l-ewwel tliet aggravji tal-appell għandhom jiġu miċħuda, ir-raba' aggravju, li huwa suġġett għall-kundizzjoni li wieħed jew iktar mill-aggravji l-oħra, l-iktar it-tielet wieħed, jiġu milqugħa, għandu, fl-opinjoni tiegħi, jiġi miċħud.

165. Għall-kumplament, huwa biżżejjed li jitfakkar li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, meta din tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' dritt fil-kuntest ta' appell, li għandha tissostitwixxi, minħabba motivi ta' ekwità, l-evalwazzjoni tagħha ma' dik tal-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, fuq l-ammont tal-multi imposti fuq impriżi minħabba l-ksur, minnhom, tad-dritt tal-Unjoni [59].

166. Issa, għandu jingħad li l-Qorti Ġenerali diġà ġiet adita minn talba sabiex jitnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti u li hija ddeċidiet, wara li eżaminat l-argumenti tagħha u eżerċitat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li dawn ma jiġġustifikawx tali tnaqqis.

58 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Siemens *et* vs Il-Kummissjoni (C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, EU:C:2013:866, punt 340).

59 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata).

167. Għad irid jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, huwiex opportun li l-Qorti tal-Ġustizzja ġġib konformi l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti ma' dak kif imnaqqas tas-sussidjarja involuta fil-kawża parallela Total Marketing Services vs Il-Kummissjoni (C-634/13 P), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-konklużjonijiet tiegħi ta' llum, punti 103 sa 112).

168. Fil-fatt, f'din il-kawża, nissuġġerixxi li tiġi annullata parti mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali u b'hekk li l-ammont tal-multa imposta fuq din is-sussidjarja jitnaqqas għal EUR 116,364,588, sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta kkonfermat l-evalwazzjoni li tgħid li Total France kienet kompliet tipparteċipa fl-akkordju li jirrigwarda x-xema' tal-paraffin wara l-laqgħa teknika tal-11 u t-12 ta' Mejju 2004.

169. Dan iqajjem b'hekk il-mistoqsija jekk huwiex opportun, f'din il-kawża, li jittieħed inkunsiderazzjoni l-imsemmi tnaqqis fir-rigward tal-appellanti, u dan konformement mal-possibbiltà offruta mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29).

170. Fuq dan l-aspett partikolari, għandu fil-fatt jiġi rrilevat li, fl-ewwel istanza, l-appellanti kienet, bħas-sussidjarja tagħha Total France, sostniet, fil-kuntest tal-ewwel parti tad-disa' motiv tagħha, li, f'dak li jirrigwarda lil din l-aħħar kumpannija, il-Kummissjoni kienet b'mod żbaljat użat bħala data ta' tmiem il-parteċipazzjoni fil-ksur relatat max-xema' tal-paraffin it-28 ta' April 2005 [60].

171. Ir-rikorsi ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi Total vs Il-Kummissjoni (T-548/08, EU:T:2013:434) u Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423), rispettivament, mill-appellanti u mis-sussidjarja tagħha, Total France, huma kkaratterizzati għalhekk fuq dan il-punt minn suġġett identiku fis-sens tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29).

172. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tal-Unjoni hija, skont il-ġurisprudenza li tirriżulta minn din is-sentenza, awtorizzata sabiex tislet direttament il-konsegwenzi tat-tnaqqis komplementari tal-multa li huwa propost li jinżamm fil-konfront tas-sussidjarja tal-appellanti fil-kawża parallela Total Marketing Services vs Il-Kummissjoni (C-634/13 P), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

173. Min-naħa l-oħra, il-qorti tal-Unjoni bl-ebda mod ma hija awtorizzata sabiex tipproċedi hija stess sabiex tikkonforma l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti fir-rigward tal-ewwel tnaqqis tal-multa magħmul mill-Qorti Ġenerali, jiġifieri dak li kien intiż sabiex jiċċensura ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament fit-teħid inkunsiderazzjoni tat-tul tal-parteċipazzjoni ta' Total France fil-ksur (ara l-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet).

174. Fil-qosor, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, awtorizzata tikkunsidra direttament it-tnaqqis li jiena nissuġġerixxi li jsir fl-imsemmija kawża parallela Total Marketing Services vs Il-Kummissjoni fir-rigward tas-sussidjarja Total France, hija ma tistax, min-naħa l-oħra, tieħu inkunsiderazzjoni b'mod dirett it-tnaqqis mogħti mill-Qorti Ġenerali fil-kawża li wasslet għas-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423).

175. Jista' jidher għalhekk artifiċjali ferm li l-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi hija stess sabiex tagħmel konformi l-multi f'dawn iċ-ċirkustanzi. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, ma hijiex awtorizzata tieħu inkunsiderazzjoni l-ewwel tnaqqis tal-multa (jiġifieri dak deċiż mill-Qorti Ġenerali), iżda biss, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-proposti magħmula minni fil-kawża Total Marketing Services vs Il-Kummissjoni (C-634/13 P), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni tnaqqis. Dan l-istat ta' fatt jidhirli li juri l-limitazzjonijiet kollha tal-intervent tal-qorti.

60 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 215 tas-sentenza appellata.

176. Xorta jibqa' l-fatt li, kif spjegat preċedentement, hemm bżonn jitfakkar b'qawwa li hija qabel kollox il-Kummissjoni li għandha tislet il-konsegwenzi tas-sentenza li ser tingħata skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE. Dan jimplika li l-Kummissjoni ma tistax, fi kwalunkwe każ, titlob mingħand l-appellanti ammont ta' multa ogħla minn dik li finalment tintalab mingħand is-sussidjarja tagħha, Total France, skont is-sentenza li finalment tiddeċiedi l-kawża parallela Total Marketing Services vs Il-Kummissjoni (C-634/13 P), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

177. Minħabba din l-unika riżerva, jiena tal-opinjoni li l-aħħar tliet aggravji ma għandhomx jintlaqgħu.

VI – **Konklużjoni**

178. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

Ir-rikors huwa miċħud.

Total SA hija kkundannata għall-ispejjeż.